# F'JUM L-IMWIET

F'jum l-imwiet it-tokki mriegħda
U r-riħ jingħi fiċ-ċipress jitbandal
Jiksru l-ħemda. Il-bniedem ma fehemx
Li mhix it-tmiem tal-ħajja l-mewt 'ma l-bidu....
Għax kieku n-nisa bl-iswed imkeffnin
Ma jxerrdux dmugħ il-ħniena
U jinħnew bil-ħasra.
Irrid nara f'jum il-mewt
Għid kbir ta' ferħ.
F'xemx ħamra mdewba,
In-nisa mżejnin bl-abjad
Igħannu u jitbandlu
Mad-daqq mgħaġġel tal-kitarri,
U jdommu waħda waħda l-ġiżimin
Irrid bħal dak in-nhar snin ilu nara
Il-mewt mirbuħa u l-bidu tal-ħajja
Fil-qawmien.

**J. J. CAMILLERI**